**Preparati?**

Kemm aħna preparati għall-isfidi tal-futur, bħala Knisja, bħala insara, bħala poplu t'Alla?Qed nirreferi għall-isfidi li wħud minnhom waslu, u oħrajn għad iridu jaslu illi jikkontestaw il-ħsibijiet tradizzjonali tagħna ta' żwieġ, familja, bidu u tmiem tal-ħajja, użu ta' ħin liberu, materjaliżmu, konsumeriżmu eċċ.

Xi kultant nibża' li pajjiżna dejjem jaħrab it-triq tan-nofs. Hemm bżonn infittxuha. Ma jistax ikun li pajjiżna jew qisu 'kunvent' jew qisu pajjiż li jmur l-estrem l-ieħor. Forsi ma rridux nindunaw, iżda ma hemmx dubju li pajjiżna qed jinbidel. Mhux kulħadd iħoss li ż-żwieġ hu impenn għal ħajtek kollha; terġa' bit-tifrik ta' żwieġijiet li hawn, xi wħud miż-żagħżagħ tagħna qed jipposponu li jingħaqdu fi żwieġ; għall-inqas din hi raġuni waħda. Raġuni oħra hi li kulħadd irid il-kumditajiet kollha f'daru ma' l-ewwel, u għalhekk l-għerusijiet qed idumu aktar - u ħafna drabi jibqgħu hekk.

Fl-2005 kien hemm mas-700 tarbija li twieldu barra ż-żwieġ; ċifra mhux ħażin, għalkemm hi inqas minn dik ta' ħafna pajjiżi Ewropej ,meta wieħed iqis li f'Malta m'hawnx divorzju, u fl-Ewropa hemm, iċ-ċans li titwieled tarbija barra ż-żwieġ f'Malta hi proporzjonalment iktar iżda xorta iċ-ċifra tagħna hi inqas mill-medja Ewropeja. Iżda xorta, għal kif imdorrijin aħna, hi ċifra għolja.

U ma naħsibx li se tonqos. Il-Knisja ma tistax tgħid li relazzjoni fi żwieġ u barra ż-żwieġ hi l-istess; il-Knisja trid bilfors tgħallem li l-familja hi l-għażla preferita, illi s-soċjeta' b'saħħitha għandha bżonn familja f'saħħitha, u li l-fedelta' fiż-zwieġ hi dik li torbot il-familja f'ambjent adattat għall-imħabba konjugali u tnissil u trobbija tat-tfal.

Iżda fl-istess waqt nistgħu nbarru, ninjoraw, neskludu lil dawk li, tort tagħhom jew mhux, qed jgħixu flimkien barra ż-żwieġ? U li kieku dit-tendenza tkompli tiżdied, u iktar jibdew jitwieldu trabi barra miż-żwieġ flok fis-żwieġ, u l-għajta għad-divorzju issir irresistibbli u ma tistax twaqqafha, aħna l-insara x'se ngħmlu? Se noħorġu bix-xabla tal-kruċjata?

Nemmen li rridu nibqgħu nipproklamaw it-tagħlim veru, saħansitra minn fuq il-bjut; iżda irridu wkoll noħolqu sistema kif nieħdu ħsieb dawk il-persuni, insara jew m'humiex, li jagħżlu triq oħra ta' relazzjoni ta' mħabba bejniethom. Bit-tifrik ta' żwieġ fost żgħażagħ fl-għoxrijiniet, huwa ovvju li ftit sejrin jibqgħu fidili għall-wegħdiet tagħkom ta' żwieġ, meta jkunu għadhom żgħar; bil-kemm josservahom in-nies adulti separati, aħseb u ara ż-żgħażagħ.

L-attitudni tal-Knisja-jiġifieri tal-mexejja u tagħna lkoll insara prattikanti - għandha tkun waħda li tagħder; ma għandniex inbiddlu virgola' mit-twemmin tagħna iżda irridu nuru li l-Knisja jimporta minnhom, tħobbhom, tirrispetahom, tifimhom, u lesta li tgħinhom.

L-istess japplika f'oqsma oħra. Jekk koppja miżżewġa bla tfal, tirrikorri għal mezzi artifiċjali (li mhux l-att taż-żwieġ) sabiex ikollhom wild, nistgħu aħna nikkundanawhom? Li hu żgur hu li f'dak li nagħmlu f'isem it-twemmin tagħna irridu nkunu mnebbħin mill-ispirtu tal-Vanġelu. Il-Mulej, li dejjem kien jagħmilha mal-emarġinati u mal-midinba - għalkemm qatt ma dineb Hu – iktar irrabja u ħadha man-negozzjanti jimpalaw il-liri taħt is-saqaf tat-tempju, milli l-adultera li ġabuha quddiemu sabiex iħaġġruha.

Idejna ma għandna qatt nużawhom biex inħaġġru, iżda innewluhom għal min għandu bżonn jaqbad magħhom.

**TONIO BORG**
02/01/06